NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI
Segretarjat għall-Apostolat tal-Lajċi

IL-KURJA, KAXXA POSTALI 1 TRIQ IR-REPUBLIKA, VICTORIA, VCT 1013, GHAWDEX, MALTA.
TEL: (00356) 2155 6661 - (00356) 2155 6427 - (00356) 2155 1211 FAX: (00356) 2155 1278

Nru.402 ĠUNJU 2010.

=====================================================================

**INFAKKRU T-TIELET ANNIVERSARJU MILL- KANONIZZAZJONI TA' SAN ĠORĠ PRECA**
**LI SARET MILL-PAPA BENEDITTU XVI *IL-ĦADD, 3 TA' ĠUNJU 2007***
**FI PJAZZA SAN PIETRU F'RUMA**
**Nitolbu ħafna lil San Ġorġ Preca għall-pajjiżna u għall-familji kollha tagħna.**

---

## SOLENNITÀ TAL-QALB TA' ĠESÙ
## JUM DINJI TA' TALB GĦALL-QDUSIJA TAS-SAĊERDOTI
## IL-ĠIMGĦA, 11 TA' ĠUNJU 2010
## *GĦELUQ TAS-SENA SAĊERDOTALI 2009-2010*

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ġunju taħbat is-Solennità Liturġika tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. F'din il-ġurnata fil-Parroċċi kollha u f'diversi Knejjes oħra ssir ġurnata ta' Talb u Adorazzjoni Ewkaristika Solenni għall-Qdusija tas-Saċerdoti.

Fil-Parroċċa tal-Fontana ser issir velja ta' Adorazzjoni Ewkaristika mis-saċerdoti għall-qdusija tas-saċerdoti mill-Ħamis 10 ta' Ġunju mid-9.00p.m. sal-Ġimgħa 11 ta' Ġunju. sal-5.00a.m.

Imbagħad il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju ser issir ċelebrazzjoni tal-għeluq tas-Sena Saċerdotali fuq bażi djoċesana b'dan il-programm:
Talb tal-Għasar fis-Seminarju fil-4.30p.m. Wara purċissjoni Ewkaristika fil-5.00p.m. mis-Seminarju għall-Parroċċa tal-Fontana u x'ħin naslu fil-Parroċċa Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla u Konsagrazzjoni tas-Saċerdoti lill-Qalb ta' Ġesù.

Nitolbu lil dawk kollha li għandhom ir-responsabiltà tal-Għaqdiet, Gruppi Ekkleżjali u Movimenti Kattoliċi biex f'dan il-jum iħeġġu lill-membri tagħhom lajċi biex jitolbu għall-Qdusija tas-Saċerdoti kollha.

++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++++

## IS-SEJĦA TAL-MADONNA TA' PINU LIL KARMNI GRIMA
## IT-TLIETA, 22 TA' ĠUNJU 2010

Nhar It-Tlieta 22 ta' Ġunju 2010 jaħbat il-127 Anniversarju ta' meta fil-Kappella TA' PINU nstema' l-Leħen ta' Marija, Omm Ġesù u Ommna jsejħilna « Ejja, Ejja » permezz ta' Karmni Grima biex nagħtu lilna nfusna u nersqu lejn dan il-Maqdes Qaddis biex nitolbu. Żgur li l-Għawdxin flimkien ma' ħafna minn ħutna Maltin jersqu f'dan il-Jum jitolbu f'dan is-Santwarju għażiż.
Fost il-funzjonijiet li jsiru f'Ta' Pinu f'dan il-jum fid -9.00a.m.ikun hemm Pontifikal Solenni mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex imxandar minn Radju Marija. Fil-10.10a.m. tingħad is-Supplika tal-Madonna mill-istess Santwarju, mxandra mill-R.T.K. u minn Radju Marija u Filgħaxija mis-1.00 sal-4.30p.m adorazzjoni fil-5.00p.m. u fit-8.00p.m. Pontifikal mill-E.T. Mons Nikol G.Cauchi, Isqof Emeritus t'Għawdex.

**Araw programm ta' dan il-jum maħruġ apposta.**
**Inħeġġu lil kulħadd biex dan il-jum ngħożżuh u nqaddsuh.**

==========================================================*P.T.O.*

**KALENDARJU PASTORALI**
**ĠUNJU –2010**
**Numru 402**

| | |
|---|---|
| 1.Tlieta | San Ġustinu,martri – Tifkira (0).<br>Laqgħa tal-Delegati tal-Uffiċċji Pastorali Djoċesani (Kurja fid-9.30a.m.) |
| 2.Erbgħa | San Pietru u San Marċellinu, martri (Tifkira)<br>Il-5 Erbgħa ta' Santa Marija.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal- Kappillani –Ċentru Ragħaj it-Tajjeb –Victoria fit-8.30a.m. |
| 3.Ħamis | ırju - San Karlu Lwanga u Sħabu, Martri- (Tifkira (0)<br>It-tielet Anniversarju mill- Kanonizzazjoni ta' San Ġorġ Preca. |
| 4.Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi. |
| 5.Sibt. | San Bonifaċju, Isqof u Matri – Tifkira (0).<br>Laqgħa tal-Grupp Missunarju Għawdxi (Seminarju fil-5.00p.m.)<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Parroċċa tal-Katidral, li jibda fit-8.30 p.m. |
| 6.Ħadd. | Il-Ġisem u d-Demm Għażiż tal-Mulej - Solennità. Messalin sena Ċ.<br>Festa ta' Kristu Ewkaristiku Salvatur - Parroċċa Għasri. |
| 7.Tnejn | Is-Sette Giugno – Festa Nazzjonali. |
| 8. Tlieta | Laqgħa tal-Kappillani tal-Isptar Ġenerali. |
| 9.Erbgħa | San Efrem Djaknu u Duttur tal-Knisja –Tifkira.<br>Is-6 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 10.Ħamis | Velja ta' Adorazzjoni Ewkaristika fil-Parroċċa tal-Fontana mis-Saċerdoti għall-qdusija tas-saċerdoti siegħat magħżula mis-saċerdoti stess li jibdew mid-9.00p.m. sal-5.00a.m. tal-Gimgħa 11 ta'Ġunju. |
| 11.Ġimgħa | Solennità tal-Qalb ta' Ġesù . Jum ta' Talb għall-Qdusija tas-Saċerdoti. Ċelebrazzjoni tal- Għeluq tas-Sena Saċerdotali Għasar fl-4.30p.m. fis-Seminarju – Purċissjoni lejn il-Knisja tal-Fontana – Konsagrazzjoni tas-saċerdoti lill-Qalb ta' Ġesù. Ħin fil-5.00p.m. Ara programm maħruġ apposta. |
| 12.Sibt. | Il-Qalb Bla Tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija. Tifkira (0).<br>It-2 Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima : Knisja ta' Ħamet : Ador. 5.30p.m. fis-7.30p.m. Quddiesa u Pelligrinaġġ ta' Talb.<br>Jum Dinji kontra x-xogħol tat-tfal (NU).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewkaristiku fil-Kappella tal-Oratorju Don Bosco, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 13.Ħadd. | Il-Ħdax-il Ħadd tas-sena. Messalin sena Ċ.<br>Ordinazzjoni ta' żewġ saċerdoti ġodda fil-Katidral ta' Għawdex: fis-6.30p.m. tibda il-funzjoni.<br>Festa ta' Sant' Antnin – Imġarr, Għajnsielem. |
| 14.Tnejn | Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Djoċesan – Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb fis-7.00p.m. |
| 16.Erbgħa. | Laqgħa tal-Kummissjoni Djoċesana Familja –Ċentru Pastorali Ragħaj it-Tajjeb – fis-7.00p.m.<br>Is-7 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 19.Sibt. | Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa taż-Żebbuġ li tibda fis- 7.00 p.m.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Mov. Ewk. fil-Knisja ta' Savina, Victoria li jibda fit-8.30p.m. |
| 20.Ħadd. | It-Tnax -il Ħadd tas-sena. Messalin sena Ċ.<br>Ordinazzjoni ta' sitt djakni fil-Katidral t' Għawdex: fis-6.30p.m. tibda il-funzjoni.<br>Festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesú – Parroċċa Fontana.<br>Jum il-Missier- Nitolbu għall-missirijiet kollha, ħajjin u mejtin. |
| 21. Tnejn. | San Alwiġi Gonzaga, Reliġjuż – Tifkira (0). |
| 22. Tlieta. | Tifkira solenni tas-sejħa tal-Madonna TA' PINU lil Karmni Grima: tingħad is-Supplika tal-Madonna fis-Santwarju ta' Pinu fl-10.10a.m.u wara Konċelebrazzjoni Pontifikali preseduta mill-E.T. Mons Mario Grech, Isqof t'Għawdex. Festa fis-Santwarju Ta' Pinu.<br>Dejjem araw il-Poster maħruġ apposta għax jista' jkun hemm xi tibdil.<br>San Gwann Fisher u San Tumas More matri. |
| 23. Erbgħa. | Vġili ta' San Ġwann Battista. Messalin sena A.<br>It-8 Erbgħa Santa Marija. |
| 24.Ħamis | Solennità tat-twelid ta' San Ġwann Battista. Messalin sena A. |
| 26.Sibt. | Jum Internazzjonali kontra d-Droga (NU).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku fil-Knisja ta' Ħamet, li jibda fit-8.30p.m. |
| 27.Ħadd. | It-tlettax-il Ħadd tas-Sena . – Messalin sena Ċ.<br>Festa ta' San Ġwann Battista – Parroċċa Xewkija. |
| 28.Tnejn | Vġili ta' San Pietru u San Pawl Appostli. Messalin Sena B. Paġna 540. |
| 29.Tlieta. | Solennità ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl. Messalin Sena B. Paġna 540.<br>Festa ta' San Pietru u San Pawl – Parroċċa Nadur. |
| 30.Erbgħa. | L-Ewwel Martri ta' Ruma – Tifkira.<br>Id-9 Erbgħa Santa Marija. |

=================================================================P.T.O.